MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru. 165/2006

**Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Carmelo Calleja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmelo Calleja ta' 75 sena, bin Ugo u Carmela nee' Caruana, imwieled Cospicua fit-13 ta' Settembru 1930 u residenti fi 13, Triq il-Markiz Bugeja, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 620430(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, fl-4 ta' Novembru 2005 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru

l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Fl-istess perjodu u cirkustanzi, halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ Ligi li taghti l-gurament;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta’ Frar 2006 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ittra esebita a fol. 55 tal-process mibghuta mill-Gran Duca Dimitri di Russia lill-imputat

odjern. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li dan id-dokument huwa wiehed falz u li l-imputat ghamel uzu minn tali dokument falz sabiex jikseb vantagg ghalih fejn addirittura huwa prezentah fi proceduri civili li hemm pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn l-imputat odjern huwa konvenut u fejn huwa annetta dan id-dokument man-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu.

Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u senjatament mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' (traskrizzjoni relattiva inserita a fol. 43 sa 52 tal-process) irrizulta li l-Pulizija ircevew zewg kwereli minghand il-kwerelant Alfred Baldacchino fejn huma ntalbu jibdew proceduri kriminali fil-konfronti tal-imputat rigward l-uzu tal-imsemmi dokument. Mill-istess xhieda tal-Ispettur Gafa' rrizulta li kien hemm diversi kwistjonijiet pendenti bejn il-kwerelant Alfred Baldacchino u l-imputat dwar min minnhom kien jokkupa l-kariga ta' Gran Mastru Vigarju tal-Ordni Bizantina di Santo Sepulcro u fil-fatt kien hemm anki proceduri civili pendenti bejn il-partijiet fir-rigward. L-ittra in kwistjoni li tinsab inserita a fol. 55 tal-process giet impoggija fuq il-website tal-Ordni li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata (inserita a fol. 56 sa 58) ikkonferma li kien responsabbli minnha hu u l-original, li l-imputat qal li kien ircieva bil-posta minghand il-Gran Duca Dimitri di Russia, giet mghoddija mill-istess imputat lin-Nutar Antoine Agius u tranzunta fl-atti tal-istess Nutar Agius.

L-imputat qed isostni li huwa rcieva din l-ittra bil-posta u li ma kellu ebda dubju dwar l-awtenticita' taghha u ghalhekk huwa ghadda l-original li rcieva lin-Nutar Antoine Agius u ghadda kopji ta' din l-ittra sabiex tigi posted fuq il-varji websites tal-Ordni madwar id-dinja.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 187(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (uzu ta' skrittura privata falsifikata), fl-Artikolu 108(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (li halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew ufficjal iehor awtorizzat li jamministra l-

gurament, fl-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz lil awtorita’ pubblika), u fl-Artikolu189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (falsifikazzjoni jew uzu iehor ta’ dokument falz).

Illi f’dawn il-proceduri permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Jannar 2007 gie nominat bhala espert kaligrafu Martin Bajada bl-inkarigu li jezamina l-firma fuq id-dokument inserit a fol. 55 u jistabbilixxi jekk il-firma hijiex wahda genwina u jekk hijiex wahda interposta fuq id-dokument in kwistjoni. Fir-rapport tieghu (inserit a fol. 89 sa 93 tal-process) l-espert kaligrafu ikkonkluda is-segwenti:-

“Illi, mill-analisi ta’ DOK AG2, partikolarment il-parti t’isfel fejn hemm il-firma fuq il-kitba “Dimitrij di Russia………..”, are DOK MB1, jirrizulta li kemm il-kitba kif ukoll il-firma huma scanned image.

Illi jirrizulta ukoll li l-emblema u l-kitba “ACCADEMIA DI S. CIRILLO…………..” fuq DOK AG2 huma ukoll scanned image.

Ill-ghat-talba tal-prosekuzzjoni, ‘ jekk il-firma hiex dik genwina jew wahda imposta fuq id-dokumenti”, lill-esponent jirrizultalu li dawn gew stampati minn fuq scanned image pero’ l-esponent mhux f’ pozizzjoni li jikkonferma jekk il-firma ta’ Dimitrij di Russia fl-iscanned image hiex wahda genwina jew le.”

Ikkunsidrat;

Illi f’dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni ghalhekk irnexxilha tipprova li l-firma u l-heading fuq l-ittra inserita a fol. 55 kienu scanned images li gew interposti fuq tali dokument u li l-kontenut l-iehor fuq l-istess ittra ma kienx scanned izda gie typed direttament fuq dak id-dokument. Ma giex pruvat izda li l-firma li giet scanned ma kienitx il-firma genwina tal-persuna li fl-ittra hemm ndikat li kitbet tali ittra u ffirmata, u cioe’ il- Gran Duca Dimitri di Russia. Irid ghalhekk jigi stabbilit jekk l-uzu tal-firma li hija scanned jirrendix id-dokument bhal wiehed falz ai temini tal-artikoli tal-ligi li tahthom l-imputat qed jigi akkuzat fil-proceduri

odjerni. Il-Qorti jidrilha li uzu ta’ firma li hija scanned fuq dokument mhux necessarjament tirrendi tali dokument falz stante li huwa ben risaput li fid-dinja tal-llum fejn il-mezzi ta’ telekomunikazzjoni huma daqshekk avvanzati u fejn huwa necessarju li dokumenti jigu trasmessi minn persuna ghal ohra bi speditezza l-uzu tal-firem scanned fuq dokumenti isir b’mod frekwenti specjalment meta dokumenti jigu trasmessi permezz tal-email. Sabiex dokument li jkun fih scanned image konsistenti f’firma jista’ jigi dikjarat bhal falz irid ghalhekk jigi pruvat jew li l-firma in kwistjoni ma saritx mill-persuna li d-dokument li tinsab fuqu jkun jindika li tapartjeni jew altrimenti jekk jirrizulta li tkun il-firma genwina tal-persuna li jkun gie indikat li tappartjeni irid jigi pruvat li tali persuna ma kinitx il-persuna li scanjat il-firma fuq id-dokument jew li altrimenti din il-persuna ma tatx il-kunsens taghha sabiex tigi interposta jew scanjata il-firma taghha fuq tali dokument. Fil-kaz odjern ghalhekk kellu jigi pruvat jew li l-firma fuq id-dokument inserit a fol.55 tal-process ma kinitx il-firma genwina tal-Gran Duca Dimitri di Russia jew li altrimenti ghalkemm tali firma kienet genwina l-interposizzjoni jew l-iscanning ta’ tali firma fuq l-ittra ma sarx mill-Gran Duca innifsu jew altrimenti sar minghajr il-kunsens tieghu. Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ma rnexxilha tipprova xejn minn dan. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li una volta li ma rrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li d-dokument in kwistjoni kien wiehed falz isegwi li ma jistghax jitqies li gie pruvat li l-imputat xjentement ghamel uzu minn dokument jew skrittura falza jew li halef il-falz quddiem xi Imhallef. Magistrat jew ufficjal iehor awtorizzat jamministra l-gurament jew li altrimenti ghamel xi stqarrija falza quddiem awtorita’ pubblika.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------